# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 11**

**Avviz numru 214/01/SM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mark Caligari, kif ukoll l-istess Mark Caligari.**

**vs**

**Mario Busuttil**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-21 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

1. **Iddikjarat illi l-konvenut hu unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fl-20 ta' Ottubru 2000 gewwa B'Kara waqt lil l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni GVP 035, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura numru DEB 111 proprjeta ta' Mark Caligari u dak il-hin kienet qed tinsaq minn Deborah Caligari;**

2. **Illikwidati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u wiehed u tletin Lira Maltin u disa' u sittin centezmi, (LM531.69,0) jew somma ohra verjuri okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, u dawk tal-attur Mark Caligari fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25.00,0);**

3. **Ikkundannat il-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali md-data tan-notifika ta' dan l-avviz;**

4. **Bl-ispejjez komprisi dawk tal-konsult (LM18.00,0) u ta' l-ittra legali tal-15 ta' Jannar 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-8 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kienet Deborah Caligari li bi traskuragni u negligenza grossolana ghamlet manuvra inkonsulta u kkawzat il-kollizjoni;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra premessi bil-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta' l-atturi, dak tal-konvenut jaghzel li ma jipprezenzjax ghall-udjenza appozitament rizervata ghat-trattazzjoni orali tal-kaz mill-assistenti tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tal-5.20 p.m. ta' l-20 t'Ottubru tas-sena 2000 f'Naxxar Road, Birkirkara, hdejn ix-"showroom" tal-"Bathroom Design" hekk kif wiehed jaqbez it-"traffic island" f'forma triangolari li hemm u fil-karreggjata li tiehu t-traffiku fid-direzzjoni mill-Mosta ghall-Belt;**

2. **Illi l-vetturi involuti huma wahda tal-marka Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni DEB-111 (mhux DEB-001 kif indikata fl-iskizz ipprezentat fl-atti) misjuqa minn Deborah Caligari u l-ohra tal-marka Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni GVP-035 li effettivament fil-hin tal-incident kienet bin-numru KBA-415 kif jidher a fol 52, (u mhux kif indikat fl-iskizz ipprezentat fl-atti);**

3. **Illi jirrizulta li fil-hin tal-incident kien hemm traffiku kbir fit-triq in dizamina;**

4. **Illi x-xufier tal-vettura numru DEB-111 jirrizulta li kienet fil-karreggjata ta' barra miexja fid-direzzjoni ta' Naxxar Road bit-traffiku ta' quddiema mblokkat;**

5. **Illi hekk kif imxiet il-vettura ta' quddiem dik misjuqa minn Deborah Caligari din filwaqt li qalat bil-mod biex timxi warajha giet milquta mill-vettura misjuqa mill-konvenut li laqatha fuq ix-xellug taghha minn wara l-ewwel rota sar-rota ta' wara;**

**6. Illi rizultat ta' dan il-vettura ta' Caligari tkaxxkret;**

**7. Illi pero' l-verzjoni tal-konvenut hi differenti fis-sens li jsostni li kienet din Caligari li gibdet ghal fuq il-vettura tieghu;**

**8. Illi d-danni sofferti mill-vettura ta' l-assigurat Mark Caligari li kienet assigurata "fully comprehensive" jirrizulta ammontanti komplessivament ghall-hames mija u hamsa u erbghin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu, (LM545.38,0) u ghal dan l-assigurazzjoni attrici ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici bl-eccezzjoni ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0), li ghamel tajjeb ghalihom l-attur Mark Caligari stess;**

**9. Illi l-ammont ta' danni sofferti mill-assigurazzjoni attrici huma debitament ipprovati bid-dokumentazzjoni appozita pprezentata minnha fl-atti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi stante li l-versjoni tal-partijiet involuti hi konfliggenti, allura analizi tal-posizzjoni tad-danni sofferti issir essenzjali ghall-ahjar rizoluzzjoni tal-kaz;**

**Illi kif jidher mill-okkorrenza in atti jidher li l-vettura ta' Caligari soffriet danni fuq il-parti xellugija tal-vettura inkluzi l-bibien u l-mudgard tax-xellug;**

**Illi din jimmilta favur it-tezi ta' l-atturi u jxejjen ghal kollox it-tezi tal-konvenut stante li jekk wiehed joqghod fuq il-versjoni proposta minnhu allura d-danni fuq il-vetturi kellhom jirrizultaw differenti;**

**Illi pero' dan mhux il-kaz;**

**Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u allura:**

**1. Tiddikjara li l-konvenut Mario Busuttil hu unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni komplessivament sofferti mill-atturi fl-ammont ta' hames mija u hamsa u erbghin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu, (LM545.38,0).**

3. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta' hames mija u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu, (LM520.38,0), lis-socjeta' attrici assikurattiva u r-rimanenti hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0), lill-attur Mark Caligari, bl-ispejjez u l-imghaxijiet mill-ittra ufficcjali tal-15 ta' Jannar tas-sena 2001.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**